**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 355/2008**

**Illum: 26 ta' Settembru 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Melchior Spiteri**
**(ID 248575(M))**

**u**

**Dominic Bonnici**
**(ID 363160(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati:

Melchior Spiteri ta' 31 sena, bin Lawrence u Abigail xebba Hunt, imwieled il-Pieta` fil-15 ta' April 1975, prezentement residenti fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 248575(M); u

Dominic Bonnici ta' 47 sena, bin Consiglio u Carmen nee` Mallia, imwieled Valletta fil-5 ta' Dicembru 1960 u residenti l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 363160(M).

Melchior Spiteri wahdu akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-14 ta' Jannar 2007 fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin (CCF) Rahal Gdid:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew lill-persuni, jew ghall-persuna jew persuni, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga, u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Melchior Spiteri u lil Dominic Bonnici, talli f'dawn il-Gzejjer fl-14 ta' Jannar 2007, fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin (CCF) Rahal Gdid:

a) Kellhom fil-pussess taghhom id-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija u meta ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom id-droga msemmija fil-pussess taghhom u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Ukoll talli bhala persuni detenuti gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, minghajr l-awtorita` legittima dahhlu jew ipprovaw idahhlu f'xi parti tal-

konfini tal-habs u cioe` fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, oggetti jkunu li jkunu u specifikatament medicina perikoluza (droga eroina), liema oggett huwa projbit u dan bi ksur tal-Artikolu 6(1) u (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti maghmula taht l-istess ligi.

Lil Melchior Spiteri wahdu akkuzat ukoll talli huwa recidiv b'diversi sentenzi mill-Qorti, liema sentenzi huma definittivi.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat ukoll illi l-ko-imputati wiegbu li m'humiex hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom;

Rat illi l-partijiet ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' l-provi mismugha f'dan il-kaz quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza ghall-ko-imputati Spiteri u Bonnici.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar l-14 ta' Jannar 2007, ghall-habta tas-2.10 p.m., gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, Ufficjal tal-Habs, CO 175 Noel Mifsud Bonnici osserva lill-ko-imputat Melchior Spiteri jghaddi *sandwich* lill-ko-imputat Dominic Bonnici. Dak il-hin kemm Bonnici, kif ukoll CO 175 kienu jinsabu gewwa Divizjoni 2, liema divizjoni kienet maghluqa. Skont CO 175, Bonnici resaq mal-kancell ta' din id-divizjoni, fil-waqt illi l-ko-imputat Spiteri li kien jinsab gewwa s-*Central Hall*, ghaddielu s-*sandwich* mill-kancell. Stante illi CO 175 gieh suspett fil-ko-imputati, huwa talab is-*sandwich* lil Bonnici u x'hin fethu, dan ra li kien fih xi qratas tal-karti. Sussegwentement, irrizulta li dawn il-qratas kien fihom trab kannella, liema trab skont ir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammit, kien jikkontjeni d-droga eroina.

Effettivament mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, jirrizulta illi huwa nghata dokument wiehed ghall-analizi tieghu, liema dokument kien

jikkonsisti f'*envelope* ta' lewn kannella, immarkat bil-kliem 'Noel CO 175 2.15pm'. Fl-*envelope* kien hemm zewgt iqratas tal-karti li kien fihom trab kannella. Dwar dan id-dokument, l-istess espert ikkonkluda illi fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella, instabet is-sustanza eroina u l-piz tat-trab kien ta' 0.113 grammi. Il-piz tat-trab fiz-zewg qratas kien ta' 0.079 grammi u 0.034 grammi rispettivament.[1]

Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, CO 175 Noel Mifsud Bonnici, li kien l-uniku xhud prezenti meta twaqqaf il-ko-imputat Dominic Bonnici sabiex saret it-tfittxija fis-*sandwich* li kien qed igorr, jghid illi dakinhar huwa kien stazzjonat gewwa d-Divizjoni 2, kien bejn iz-zewg kancelli fit-tarf ta' din id-divizjoni u sema' lill-ko-imputat Melchior Spiteri isejjah lil Dominic Bonnici mis-*Central Hall* ghad-divizjoni, fejn kien jinsab ukoll Bonnici. Jghid illi dak il-hin Bonnici kien qieghed hdejh (hdejn ix-xhud). Spiteri newwel is-*sandwich* lil Bonnici, li mar hdejn il-kancell ghas-*sandwich* u qallu sabiex ma jehodhiex drawwa. Ix-xhud jghid illi Bonnici ghadda minn hdejh, ghal xi raguni ghokritu ghajnejh u talab is-*sandwich* lil Bonnici. Meta x-xhud fetah is-*sandwich*, huwa ra xi pakketti tal-karti fih ossia karti ta' pitazz bir-rigi, ghalkemm ma jiftakarx kemm kien hemm ezatt. Dak il-hin huwa ghaddihom lill-awtoritajiet ossia lis-*Supervisor* ossia lil Joe Deguara li kien jinsab fic-*Central Hall*. Jghid ukoll illi kien hemm il-Maggur Peter ukoll f'din is-sala. In kontro-ezami, ix-xhud jghid illi huwa ra lil Spiteri jaghti s-*sandwich* lil Bonnici u ma rax lil Bonnici jitfa' l-pakketti fis-*sandwich.*[2]

Fix-xhieda tieghu, SCO Peter Vella jghid illi fiz-zmien in kwistjoni huwa kien Maggur gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Dakinhar ghall-habta tas-2.10 p.m., huwa kien qieghed fil-gabbana tas-*Central Hall,* meta ra lil Spiteri hiereg mid-Divizjoni 3 u jmur mal-kancell ta' Divizjoni 2, fejn ghadda "*xi haga*" lil Bonnici. Ix-xhud jghid illi huwa ghajjat lil CO 175 li kien f'Divizjoni 2, li da parti tieghu qallu li dan kien tah xi haga. Jghid illi CO 175 iccekkja s-*sandwich* u sab xi qratas ossia zewgt iqratas bid-droga.[3]

Fix-xhieda taghha, l-ex Spettur Nadia Lanzon tghid illi meta hija tkellmet ma' CO 175 Noel Mifsud Bonnici wara dan l-incident, dan "*innega li kien hemm cans jew possibilta li Bonnici lahaq heba jew pogga xi haga fis-sandwich peress li hu kien qed josservah tul il-hin.*"[4] Fir-rapport tieghu mhejji minnu ftit tal-hin wara l-incident odjern, PS 100 Terence Azzopardi jindika illi "*whilst CO175 Mifsud*

---

[1] Ara r-relazzjoni tal-espert esebita a fol. 14 tal-process verbal, li jinsab esebit a fol. 71 tal-process.
[2] Ara din ix-xhieda a fol. 88 sa 92 tal-process.
[3] Ara din ix-xhieda a fol. 108 sa 112 tal-process.
[4] A fol. 101 tal-process.

*Bonnici Noel I.D.37569M was performing his duties at CCF Division 2 he observed that a certain Melchior Spiteri I.D.248575M presently sojourning at CCF Div 2 passed a piece of sandwich bread to a certain Dominic Bonnici 363160M, presently sojourning at Div. 2 Cell No. 65. CO 175, immediately grabbed the sandwich from Dominic's hand and whilst he searched inside the bread he discovered that between the ham and cheese, there were two sachets containing a suspected illegal substance.*"[5] Fix-xhieda tieghu, PS 100 Terence Azzopardi jghid illi huwa kien mar fuq il-post u tkellem ma' CO 175 li qallu illi wara li ghamel l-osservazzjoni fuq deskritta, huwa mar fuqhom mill-ewwel, ha l-bicca hobz minn idejn Bonnici u x'hin fetahha sab il-qratas in kwistjoni.[6]

Il-ko-imputat Melchior Spiteri rrilaxxja stqarrija lill-pulizija nhar is-16 ta' Jannar 2007, fil-waqt illi l-ko-imputat Bonnici rrilaxxja zewg stqarrijiet, wahda fl-14 ta' Jannar 2007 u ohra fit-18 ta' Jannar 2007. It-tnejn inghataw is-solita twissija skont il-ligi, izda ma nghatawx id-dritt li jottjenu parir legali qabel irrilaxxjaw l-istqarrijiet taghhom, liema dritt kien ghadu ma dahalx in vigore fil-ligi Maltija fiz-zmien in kwistjoni.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok, in kwantu jirrigwarda z-zewg stqarrijiet rilaxxjati minn Dominic Bonnici, fis-seduta tas-26 ta' April 2017, id-difiza talbet lill-Qorti sabiex tiskarta l-istqarrija tal-istess ko-imputat u dan stante li ma kienx assistit minn avukat waqt it-tehid tal-istess stqarrija. Ghalkemm id-difiza hawnhekk irreferiet ghall-'istqarrija' tal-ko-imputat Bonnici, il-Qorti qed tqis illi din it-talba tad-difiza tapplika mhux biss ghal stqarrija wahda, izda ghaz-zewg stqarrijiet tal-istess ko-imputat u dan ghaliex dawn gew rilaxxjati fl-istess zmien u ghalhekk l-ilment imqajjem huwa applikabbli fir-rigward taz-zewg stqarrijiet bl-istess mod. Fil-fatt fiz-zmien in kwistjoni, il-ko-imputat Bonnici ma nghatax id-dritt illi jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tieghu ghaliex dan id-dritt dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, bl-Avviz Legali 35/2010, u wisq inqas inghata d-dritt li jigi assisti minn avukat waqt l-interrogatorju tieghu ghaliex dan id-dritt dahal fil-ligi ferm wara. F'dan ir-rigward, tal-inqas dwar in-nuqqas li persuna arrestata jew suspettata tinghata d-dritt li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju taghha, il-posizzjoni legal llum hija wahda cara. Bizzejjed illi l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The**

[5] A fol. 120 tal-process.
[6] Ara x-xhieda ta' PS 100 Terence Azzopardi, a fol. 114 tal-process.

**Republic of Malta vs Chukwudi Onyeabor** tal-1 ta' Dicembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti ghamlet referenza ghal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **Carmel Saliba vs Avukat Generali** tas-16 ta' Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Generali** tat-30 ta' Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Generali et** tal-24 ta' Gunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Generali et** tal-11 ta' Lulju 2016 u ghaddiet sabiex tiddeciedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement.*" Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi la darba l-ko-imputat Bonnici ma nghatax id-dritt li jottjeni parir legali qabel irrilaxxja z-zewg stqarrijiet tieghu, liema stqarrijiet certament kienu ta' pregudizzju ghalih ghaliex fihom ghamel dikjarazzjonijiet inkriminanti, il-Qorti tqis tali stqarrijiet bhala inammissibbli u qeghda konsegwentement tiskartahom.[7] Naturalment, dan japplika wkoll ghal kwalunkwe dikjarazzjoni li ghamel l-istess ko-imputat qabel irrilaxxja dawn l-istqarrijiet, ukoll maghmula minnu minghajr ma nghata l-imsemmi dritt u ghal kwalunkwe referenza mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni ghal tali dikjarazzjonijiet tal-istess ko-imputat.

In kwantu jirrigwarda l-ko-imputat Spiteri, id-difiza ma qajjmitx din il-lanjanza, izda anzi fit-trattazzjoni finali taghha, taccenna ghall-fatt illi l-istqarrija tal-ko-imputat Spiteri kienet favorevoli ghalih. Biss il-Qorti tqis illi fl-istqarrija tieghu, l-istess ko-imputat Spiteri ukoll ghamel dikjarazzjonijiet li jistghu jkunu inkriminanti fir-rigward tieghu u ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq indikati, ukoll qed tqis din l-istqarrija bhala inammissibbli, kif qed tqis ukoll inammissibbli kwalunkwe referenza mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni ghal dak li stqarr l-istess ko-imputat fl-istqarrija tieghu.

Il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda ta' Michael Zahra, xhud in difeza tal-ko-imputat Spiteri, li jghid illi f'xi zmien fis-sena 2008, waqt illi huwa kien detenut gewwa SATU, CO 175 Noel Mifsud Bonnici li kien gie trasferit hemmhekk mill-Facilita` Korrettiv ta' Kordin, qallu illi certu David Monsigneur kien ghamel allegazzjonijiet fil-konfront tieghu u dan fis-sens illi wara li CO 175 kien ghamel tfittxija fic-cella ta' Monsignuer u sablu xi siringi u *steroids*, l-istess Monsigneur allega li dawn kien hadhomlu gewwa l-habs l-istess CO 175. Skont ix-xhud, dan id-diskors kien qalulu wkoll David Monsignuer li kien zied li verament CO 175 kien hadlu dawn l-oggetti gewwa l-habs, biex sussegwentement ghamillu tfittxija u hadhomlu. Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-Maggur Dennis Cassar illi David

[7] Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-23 ta' Frar 2017 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ramon Fenech**.

Monsigneur verament kien ghamel dawn l-allegazzjonijiet fil-konfront ta' CO 175 u li sussegwentement, fid-dawl ta' dan, CO 175 kien gie trasferit l-ewwel ghall-parti ohra tal-habs u mbaghad gewwa SATU. Da parti tieghu, CO 175 jinnega li qatt saru dawn l-allegazzjonijiet fil-konfront tieghu, jew li kien gie trasferit minhabba dawn l-allegazzjonijiet u jinnega wkoll illi l-awtoritajiet tal-habs kienu kellmuh dwarhom – f'liema parti tax-xhieda tieghu certament illi gie kontradett mill-Maggur Cassar li jghid illi huwa stess kien tkellem ma' CO 175 dwar l-allegazzjonijiet li kien ghamel Monsigneur fil-konfront tieghu, liema allegazzjonijiet CO 175 kien innegahom. Dwar dan il-Qorti tqis illi ghalkemm CO 175 verament gie kontradett u mgiddeb fix-xhieda tieghu dwar din il-vicenda, almenu in kwantu jghid illi ma kienu saru l-ebda allegazzjonijiet minn David Monsigneur fil-konfront tieghu jew li huwa qatt ma kien sema' b'dawn l-allegazzjonijiet, madankollu tqis ukoll illi bil-fatt illi fil-konfront tieghu saru dawn l-allegazzjonijiet fis-sens illi huwa kien ipprovda xi *steroids* lil Monsigneur, fl-ewwel lok, dan ma jirrendix dawn l-allegazzjonijiet veritieri, li jibqghu biss allegazzjonijiet u fit-tieni lok, wisq inqas dawn l-allegazzjonijiet wahedhom u fin-nuqqas ta' kwalsiasi prova ohra li tista' tikkorobora dan, jistghu jigu tradotti fi prova, almenu sal-grad tal-probabbli, illi CO 175 Noel Mifsud Bonnici kien huwa stess ghadda d-droga eroina lill-ko-imputat Dominic Bonnici f'dan il-kaz, kif tghid id-difiza fit-trattazzjoni taghha. Minkejja l-fatt illi CO 175 gie kontradett dwar dawn l-allegazzjonijiet, biss fil-fehma tal-Qorti, dan ma jincidix fuq il-kredibilita` tieghu in kwantu s-sejba tad-droga eroina fis-*sandwich* li kienet fil-pussess tal-ko-imputat Bonnici jew dwar dak li xehed dwar dan il-kaz f'dawn il-proceduri, anke ghaliex apparti li kien konsistenti fix-xhieda tieghu, anke meta din tigi mqabbla ma' dak li huwa kien stqarr *a tempo vergine*, in oltre jinsab korroborat ukoll, tal-inqas f'partijiet tax-xhieda tieghu, mix-xhud okulari il-Maggur Peter Vella.

Issa l-Qorti tqis illi CO 175 Noel Mifsud Bonnici kien tassew car fix-xhieda tieghu u ma hemm lok ghal ebda dubju dwar dak li kien sema', ra u ghamel. Mix-xhieda tieghu, apparti illi jirrizulta bl-izjed mod car illi huwa sema' lill-ko-imputat Spiteri jsejjah lill-ko-imputat Bonnici u ra lil Spiteri jghaddi *sandwich* lil Bonnici mill-kancell – liema parti tax-xhieda tieghu hija wkoll korroborata mill-Maggur Peter Vella li jghid illi waqt li kien fis-*Central Hall*, huwa ra lil Spiteri javvicina l-kancell ta' Divizjoni 2 u jghaddi "*xi haga*" lil Bonnici – jirrizulta wkoll illi Bonnici dak il-hin ghadda minn hdejn l-istess xhud u li x-xhud kien jinsab fl-istess parti tad-divizjoni fejn kien qieghed ukoll Bonnici ossia fit-tarf tad-divizjoni, bejn il-kancelli. Ix-xhieda ta' CO 175 tindika wkoll l-immedjatezza tal-azzjoni tieghu meta huwa talab is-*sandwich* lill-ko-imputat Bonnici, fethu u fih sab xi qratas tal-karti. Fil-fehma tal-Qorti huwa wkoll relevanti dak li jghidu l-ex Spettur Nadia Lanzon u PS 100 Terence Azzopardi dwar dak li kien qalilhom CO 175 *a tempo*

*vergine* wara dan l-incident u dan fis-sens illi l-azzjoni tieghu fir-rigward ta' Bonnici kienet wahda immedjata u fi kliem l-istess Lanzon, illi CO 175 "*innega li kien hemm cans jew possibilta li Bonnici lahaq heba jew pogga xi haga fis-sandwich peress li hu kien qed josservah tul il-hin.*" Issa ghalkemm fix-xhieda tieghu, CO 175 ma jergax jirrepeti dawn il-kliem precizi, biss apparti li kif inghad, ix-xhieda tieghu diga` tindika l-immedjatezza tal-azzjoni tieghu, fil-waqt illi dak li xehdu l-ex Spettur Nadia Lanzon u PS 100 Terence Azzopardi dwar dak li qalilhom CO 175 huwa *detto del detto* u in kwantu tali ghalhekk ma huwiex prova tal-kontenut ta' dak li qalilhom fis-sens illi fih inniffsu mhuwiex prova li huwa veru li l-azzjoni tieghu kienet tant immedjata, biss ix-xhieda taghhom hija prova diretta ta' dak li qalilhom CO 175 u in kwantu tali, dak li huwa qalilhom *a tempo vergine* hija cirkostanza li tiswa sabiex tikkorrobora dak li xehed l-istess CO 175 f'dawn il-proceduri. CO 175 jghid illi huwa ma rax lil Bonnici jqieghed il-pakketti fis-*sandwich* izda fil-fehma tal-Qorti, l-immedjatezza tal-azzjoni ta' CO 175 kienet tipprekludi din il-possibilita`.

Ghaldaqstant, fil-fehma tal-Qorti jirrizulta car illi fl-ewwel lok, kien il-ko-imputat Melchior Spiteri illi ghadda s-*sandwich* lill-ko-imputat Bonnici, fit-tieni lok, illi fis-*sandwich* in kwistjoni, waqt li din kienet fil-pussess ta' Bonnici, instabu zewgt iqratas bl-eroina u fit-tielet lok, dawn il-qratas instabu fis-*sandwich* appena din giet mghoddija lil Bonnici minghand Spiteri.

Il-Qorti hawnhekk tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-23 ta' Gunju 1997, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs John Borg</u>**:

"*Dwar x'jammonta ghal <u>pussess</u> ghall-finijiet tal-ligi in dizamina, din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` li telabora dwaru fis-sentenza taghha tal-21 ta' Ottubru, 1996, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan. F'dik is-sentenza din il-Qorti osservat li <u>l-presenza</u> ta' oggett f'post (dar, karozza, kamra, ecc.) li fuqu persuna ghandha <u>xi forma ta' kontroll</u> tista', taht certi cirkustanzi, tammonta ghal <u>pussess</u> ta' dak l-oggett; u jekk dak l-oggett jirrisulta bhala fatt li hu droga li taqa' taht il-Kap. 101, allura l-ligi tippresumi, salv prova kuntrarja imqar fuq bazi ta' probabilita`, li l-pussessur kien jaf li dak l-oggett kienet droga (ara wkoll P. v. Charles Clifton, App. Krim., 5 ta' Lulju, 1982).*"

F'kaz iehor, ukoll deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Frar 1998, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Maizuki Hachemi Beya, bint Abdellatif</u>**, inghad hekk:

"*Il-ligi taghna, kemm ghal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tuzax il-kelma xjentement", fi kliem*

*iehor il-ligi titkellem dwar minn "ikollu fil-pussess tieghu" (artikolu 8(a)(c), Kap 101) "ikun fil-pussess" (regola 8, A.L. 292/1939), "jimporta" (artikolu 15A (1), Kap 101) u mhux dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tieghu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Ghalkemm il-legislatur f'dawn id-disposizzjonijiet ma juzax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux semplicement ta' reati kolpuzi. Il-legislatur ma riedx jikkolpixxi lil min, per ezempju, ad insaputa tieghu jitqieghdlu xi droga fil-bagalja tieghu u dan jibqa' diehel biha f'Malta. Mill-banda l-ohra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26(1) tal-Kap. 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun dahhlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew dahhlitha xjentement, jigifieri li kienet taf bl-ezistenza ta' dak l-oggett, li dak l-oggett hu droga, u ghalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddahhal id-droga, salv prova (imqar fuq bazi ta' probabbilita`) kuntrarja, u salv il-limitazzjoni ghal tali prova skond l-artikolu 26(2) ta' l-imsemmi artikolu 26 (ara, f'dan is-sens, is-segwenti sentenzi: P vs Charles Clifton, 5/7/82, P vs Martin Xuereb, 20/9/96, P vs Seiffedine Mohamed Marshan, 21/10/96, u P vs John Borg, 23/6/97, kollha appelli kriminali).*"

Fil-kaz odjern, fil-waqt illi jirrizulta b'mod car illi kemm Spiteri, kif ukoll Bonnici kienu fil-pussess tas-*sandwich* li fiha nstabet id-droga eroina, ma ngabet l-ebda prova – lanqas sal-grad tal-probabbli – illi l-wiehed jew l-iehor ma kinux konsapevoli li fis-*sandwich* kien hemm id-droga. In oltre, il-Qorti tqis ukoll illi fic-cirkostanzi tal-kaz, ma jista' jkun hemm l-ebda dubju illi kemm Spiteri, kif ukoll Bonnici kienu ben konsapevoli tal-kontenut tas-*sandwich.*

Isegwi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti illi l-imputazzjoni (a) migjuba fil-konfront tal-ko-imputat Spiteri wahdu li permezz taghha huwa gie akkuzat illi forna d-droga eroina (lill-ko-imputat Bonnici) tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi. Isegwi wkoll illi l-imputazzjoni (a) migjuba fil-konfront taz- zewg ko-imputati Spiteri u Bonnici fis-sens illi huma kienu fil-pussess tad-droga eroina, tirrizulta wkoll sodisfacentement ippruvata.

Madankollu, l-imputazzjoni (b) migjuba fil-konfront taz-zewg ko-imputati u dan fis-sens illi huma dahhlu jew ippruvaw idahhlu gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, oggett projbit, f'dan il-kaz, droga eroina, ma tirrizultax ippruvata u dan stante li ma tirrizulta l-ebda prova mill-atti illi turi li kienu z-zewg ko-imputati jew xi wiehed minnhom illi dahhlu din id-droga fil-habs jew li kienu anke komplici fid-dhul taghha gewwa l-habs.

Finalment il-ko-imputat Melchior Spiteri gie addebitat bir-recidiva. F'dan ir-rigward, il-Prosekuzzjoni baqghet ma esebiet l-ebda prova. Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Paul Abela</u>** tal-10 ta' Settembru 2004:

"*Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva*."

Il-Prosekuzzjoni baqghet ma esebiet l-ebda sentenza fil-konfront tal-ko-imputat Spiteri u ghaldaqstant dan l-addebitu ma jirrizultax ippruvat.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni fir-rigward taz-zewg ko-imputati, il-fedina penali rispettiva taghhom. M'hemmx dubju illi l-fedina penali tal-ko-imputat Spiteri hija wahda ferm refrattarja u kienet tikkonsisti, fiz-zmien tar-reati odjerni f'xejn inqas minn erbgha u erbghin faccata. Mill-istess fedina penali jirrizulta illi sa dak iz-zmien, l-imputat kien instab hati ta' diversi reati, anke reati ferm serji, u gie kkundannat fost ohrajn ghal piena karcerarja f'ben tmienja u ghoxrin okkazzjoni, apparti li f'disa' okkazzjonijiet kellu piena pekunjarja konvertita f'detenzjoni, bl-ahhar kundanna dwar omicidju volontarju ghal tletin sena prigunerija. Mill-fedina penali tal-ko-imputat Bonnici, imbaghad jirrizulta illi nstab hati *inter alia* ta' reati kontravvenzjonali u serq aggravat bil-vjolenza, dwar liema huwa gie kkundannat ghal tletin sena prigunerija.

Il-Qorti qieset ukoll illi l-ammont ta' droga eroina f'dan il-kaz kien wiehed zghir, izda mill-banda l-ohra, apparti s-serjeta` tar-reat ta' traffikar tad-droga li tieghu qed jinstab hati l-ko-imputat Spiteri, tqis ukoll illi r-reati odjerni gew kommessi mill-ko-imputati gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin – post intiz ghar-riforma u ghar-rijabilitazzjoni tad-detenuti tieghu - u meta huma kienu prigunieri fl-istess facilita` u ghaldaqstant japplikaw fir-rigward taghhom id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal fini ta’ piena, fir-rigward tal-ko-imputat Melchior Spiteri, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, fir-rigward tal-ko-imputat Melchior Spiteri, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, u l-Artikoli 17(h) u 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-istess ko-imputat mhux hati tal-imputazzjoni (b) migjuba kontra tieghu (ir-reat ikkontemplat fl-Artikoli 7(1) u (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta’ Malta) u tal-addebitu tar-recidiva u qeghda tilliberah minnhom, fil-waqt illi qed issibu hati tal-imputazzjoni (a) dwar traffikar ta’ droga eroina u tal-imputazzjoni wkoll immarkata (a) dwar pussess ta’ droga eroina u qed tikkundannah ghall-piena ta’ tlettax-il xahar prigunerija effettiva u piena ta’ multa ta’ disa’ mitt ewro (€900), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tista’ tithallas mill-hati f’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b’dan illi kemm il-darba l-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Fir-rigward tal-ko-imputat Dominic Bonnici, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikolu 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-istess ko-imputat mhux hati tal-imputazzjoni (b) migjuba kontra tieghu (ir-reat ikkontemplat fl-Artikoli 7(1) u (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta’ Malta) u qeghda tilliberah minnha, fil-waqt illi qed issibu hati tal-imputazzjoni (a) dwar pussess ta’ droga eroina u tikkundannah ghall-piena ta’ hames xhur prigunerija effettiva.

Il-Qorti qeghda in oltre tikkundanna lill-hatja ghall-hlas tal-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-kaz, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta’ tnejn u sebghin Lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm72.28) ekwivalenti ghas-somma ta’ mija, tmienja u sittin ewro u sebgha u tletin centezmu (€168.37), l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officer*, PS 644 Evan Camilleri, ammontanti ghas-somma ta’ seba’ Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm7.50) ekwivalenti ghas-somma ta’ sbatax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu

(€17.47), u l-ispejjez relatati mar-relazzjoni ta' PS 659 Jeffrey Hughes, ammontanti ghas-somma ta' ghaxar Liri Maltin, ekwivalenti ghas-somma ta' tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29). Tali spejjez li b'kollox jammontaw ghas-somma ta' mitejn u disa' ewro u tlettax-il centezmu (€209.13), ghandhom jithallsu in kwantu ghal nofs mill-ko-imputat Melchior Spiteri u in kwantu ghan-nofs l-iehor mill-ko-imputat Dominic Bonnici u dan fi zmien sitt xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat